DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 171988** **06.09.2017**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker iżur l-iskola "Solidarity with Panama"***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia li qed imexxi delegazzjoni Parlamentari, kompla biż-żjara uffiċjali tiegħu f'Kuba li qed isseħħ fuq stedina tal-President tal-Parlament Kuban Juan Esteban Lazo Hernández.

Ilbieraħ, id-delegazzjoni parlamentari Maltija żaret skola li fiha tilqa' studenti bi bżonnijiet speċjali. Wara li żar l-iskola, f'kelmtejn tal-okkażjoni l-Ispeaker Anġlu Farrugia qal li baqa' impressjonat bil-mod kif tfal bi bżonnijiet speċjali bħal dawk li ltaqa' u tkellem magħhom, fehmu l-importanza tal-irwol tat-tagħlim tal-edukazzjoni, għaliex għarfu diġà li l-futur huwa f'idejhom daqs kemm huwa f'idejn tfal u żgħażagħ oħra normali.

L-Ispeaker awguralhom suċċess fl-istudji tagħhom għal tul is-sena skolastika li għandhom quddiemhom, filwaqt li tenna li l-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-lum għandha tara li tkompli fuq dak li inkiseb mill-ġenerazzjonijiet ta' qabilha.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia jinsab akkumpanjat mill-Whip tal-Gvern Byron Camilleri u mill-Membru Parlamentari Hermann Schiavone.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt